# L-ILJUN SULTAN

dramm muzikali bbazat fuq il-film animat
*THE LION KING*

Kitba u lirika ta'
***Trevor Zahra***

***Karattri Principali:***

| | |
|---|---|
| MUFASA | ______________________ |
| SIMBA (ZGHIR) | ______________________ |
| SIMBA (KBIR) | ______________________ |
| ZAZU | ______________________ |
| SKAR | ______________________ |
| TIMON | ______________________ |
| PUMBA | ______________________ |
| NALA (ZGHIRA) | ______________________ |
| NALA (KBIRA) | ______________________ |
| JENA-1 | ______________________ |
| JENA-2 | ______________________ |
| JENA-3 | ______________________ |
| SARABI | ______________________ |

# **XENA 1** - *Pride Lands*

**Ftuh: KANZUNETTA 1**
***(Kor u Lead Singer jibdew ic-'chants' Afrikani 'a cappella')***.

**Xemx titla' (din tinhadem strixxi orizzontali li jitellghu mill-art bi xlief biex joholqu "shimmering effect"... fl-istess hin jitla' d-dawl fuq is-Cyc u fis-Sala... effett ta' Tlugh ix-Xemx. Annimali jigu minn nahat differenti (anki mis-sala) waqt il-kanzunetta.**

**Tkanta Lead Singer mill-Kor. Pride Rock tkun quddiem il-bieb tal-palk (MR), barra fis-sala. L-annimali jibdew jersqu lejn il-pozizzjoni finali... fuq il-palk (u forsi t-torgien) taht Pride Rock, iharsu 'l fuq jistennew il-maghmudija ta' Simba. Mufasa u Sarabi bl-iljun tarbija fuq Pride Rock (il-prezentazzjoni) u t-tislim ta' l-annimali.**

**<u>KANZUNETTA 1</u>** *(Il-Hajja bla Tarf)*

LEAD — Nant sinvenya mabagi thibaba
KOR — Sithi uhhmm wenya-ma
(Ye, wenya-ma)
LEAD — Nant sinvenya mabagi thibaba
KOR — Sithi uhhmm .................. venya-ma
(gen-gen, va-va ............ haj-lah-bah)
(Wenya-ma)
Wenya-ma ....................... wenya-ma
(Siyo Nkobwe)

KOR — *(Tibda' l-Muzika)* Ingonyama neng w'enamabala
*(din il-frazi tirrepeti matul il-kanzunetta kollha)*

LEAD — Hekk kif nifthu ghajnejna ghall-hajja,
U bil-qawwa tax-xemx niskantaw,
Nintebhu dlonk kemm hawn dwal mohbijin
Li ghajnejna mhu qatt se jaraw.

Hawn wisq triqat, hawn wisq gholjiet,
Moghdijiet li qatt m'inti se ssib;
Imma x-xemx fis-smewwiet
Tmexxi hi kull grajjiet,
Turina t-triq boghod minn kull tigrib.

KOR — U dil-hajja bla tarf
Iddur cirku shih,
Fis-sahha w fil-mard
Fil-gid u fil-guh;
Sa ma nsibu t-triq

F'dil-gungla ffullata
Tul dil-hajja
Li ddur cirku shih

--- *MUZIKA* ---

U dil-hajja bla tarf
Iddur cirku shih,
Fis-sahha w fil-mard
Fil-gid u fil-guh;
Sa ma nsibu t-triq
F'dil-gungla ffullata
Tul dil-hajja
Li ddur cirku shih.

---

# XENA 2 - *Pride Lands*

**Filghodu. Mufasa u l-iljunessi ghadhom reqdin.**
**Jidhol Simba**.

SIMBA Pa, pa, qum .... haffef... haffef.

MUFASA *(ghadu rieqed).* Hmmm... x'gara?

SARABI *(rieqda wkoll)* Ibnek qam.

MUFASA *(ghadu rieqed).* Iva, izda qabel titla' x-xemx dak ikun responsabbilta' tieghek.

SARABI Imma issa x-xemx telqghet.

SIMBA Sebah pa.... sebah....!

MUFASA *(ghadu rieqed).* Mhux kuljum jisbah? Hallini kwiet.

SIMBA Pa... inti weghidtni. Weghidtni li nitilqu malli titla' x-xemx.

MUFASA *(beda jistejqer)* U issa x-xemx telghet?

SIMBA Dazgur li telghet.

MUFASA *(jistenbah)* Mela mhemmx x'taghmel. Ikollna nqumu..

**MUFASA jqum, jitmattar, jittewweb, ecc..**
**Forsi ftit muzika sakemm MUFASA u SIMBA jitilghu fuq Pride Rock.**

| | |
|---|---|
| MUFASA | Hares ibni. Kull fejn ix-xemx tmiss bir-raggi taghha huwa s-saltna taghna. |
| SIMBA | Wow! |
| MUFASA | Simba, iz-zmien tal-hakma ta' kull sultan, jitla' u jinzel l-istess kif taghmel ix-xemx. Ghad jigi zmien meta x-xemx tas-saltna tieghi tinzel, u titla' dik tas-saltna tieghek. |
| SIMBA | U dak kollu jkun tieghi? |
| MUFASA | Kollu kemm hu. |
| SIMBA | *(skantat, qisu qed ikellem lilu nnifsu)* Kull fejn ix-xemx tmiss bir-raggi taghha!!! U dawk il-postijiet fejn hemm id-dell?? |
| MUFASA | Dawk il-postijiet huma 'l barra mill-fruntieri taghna. Simba, qis li qatt ma tersaq 'l hemm. |
| SIMBA | Imma... jien kont minghalija li Sultan jista' jaghmel li jrid. |
| MUFASA | Eh... li tkun Sultan ma jfissirx li dejjem taghmel li trid. Sultan jehtieg jifhem bosta hwejjeg ohra. |
| SIMBA | Xi hwejjeg huma? |
| MUFASA | Il-holqien kollu jghix flimkien f'armonija u f'bilanc delikat hafna. Bhala sultan, ikun jehtieglek tifhem dan il-bilanc u tirrispetta l-hlejjaq kollha; min-nemel ckejken li bil-kemm jiccalaq, sac-criev li jaqbzu m'oghla sigra. |
| SIMBA | Pa, imma lic-criev ahna nikluhom. |
| MUFASA | Iva, Simba. Ifhimni sewwa. Meta mmutu gisimna jispicca u jsir haxix. Ic-criev jieklu l-haxix. Qed tifhem? Kollox huwa maghqud f'dan ic-cirku kbir tal-hajja, cirku li dejjem idur tond. |
| | **Jidhol ZAZU** |
| ZAZU | L-ghodwa t-tajba, Sire. |
| MUFASA | L-ghodwa t-tajba lilek ukoll, Zazu. |
| ZAZU | Gejt naghtik ir-rapport ta' kuljum. |
| MUFASA | Tajjeb. X'ghandek gdid x'tghidilna? |
| | **KANZUNETTA 2** *(Ir-Rapport ta' Kuljum)* |
| ZAZU | Privilegg u unur tieghi, li nwettaq dan id-dmir<br>U nwettqu bi kburija w b'onesta'<br>B'inkin sa l-art u bid-dekor ma' sultan hekk kbir |

Hekk kont tghallimt mill-Universita'
Quddiem is-sultan tieghi jiena npoggi dar-rapport
Biex izomm ruhu dejjem aggornat.

MUFASA *(parlant)* Kollox sew Zazu... haffef

ZAZU Biex gbart dat-taghrif kollu kieku taf kemm grejt u dort
Imm' issa nhossni veru ppreparat.

MUFASA *(parlant)* Zazu! Ir-rapport

ZAZU *(parlant)* Hmmm.. iva... ir-rapport ta' kuljum!

Smajt li z-zebri xebghu bil-pigama jimmarcjaw
Zewg xadini qalu li nsew kif jixxadinjaw
Serp mar jigdem denbu w spicca miet ivvalenat
Hemm merhla ta' ljunfanti qed tittrombja marc stunat,
Qed jghidu li l-giraffi huma l-oghla fuq kulhadd
'Mma jiena zgur inwieghdek li ma naqta' qalbi qatt.

Dan hu r-rapport ta' kuljum,
Li jien naghtik malli nqum,
Dwar kull cerv, serp u ljun,
Kollox pront bla ma ndum,
Fir-rapport ta' kuljum.

MUFASA *(Parlant)* X'inti taghmel, Simba?

SIMBA *(Parlant)* Naqbez

MUFASA *(Parlant)* Ha nurik jien kif ghandek taqbez.

ZAZU
Ic-criev ga smajthom jghidu
Li ghejew igorru l-qrun (MUF: Oqghod catt ma' l-art)
Qalu se jibdluhom
Hekk kif jidhol l-istagun,
U kellna incident (SIM: OK, catt ma' l-art)
Met' ajkla habtet ma' gurat
Dritt go nofs ir-*runway*
Sewwa sew kif illandjat, (MUF: Ixx, lanqas hoss...
Iz-znazan ghajru 'l brimb Kollox bil-mod...
Li mohhhom mimli biss bl-ghanqbut, Pass iehor...)
Anki l-granc mar lura
W qed ihossu wisq batut. (MUF: AQBEZ)
*Aaaaaarrrgghhh!*

SIMBA
Dan hu r-rapport ta' kuljum,
Li jien naghtik malli nqum,
Dwar kull cerv, serp u ljun,
Kollox pront bla ma ndum,
Fir-rapport ta' kuljum.

FLIMKIEN
Dan hu r-rapport ta' kuljum,
Li jien naghtik malli nqum,
Dwar kull cerv, serp u ljun,
Kollox pront bla ma ndum,
Fir-rapport ta' kuljum.

---

# XENA 3 - *Pride Lands*

**SKAR idur frustrat.**
**Jidhol SIMBA**

SIMBA Hej, ziju Skar. Aqta' xiex...?

SKAR Il-loghba tal-Haga Mohgaga lili xejn ma toghgobni.

SIMBA Jiena daqt se nkun sulatn ta' din l-art kollha.

SKAR Tassew?

SIMBA Missieri ghadu kemm urieni s-saltna kollha.

SKAR Ahfirli li minix naqbez bl-ferh... ghandi dahri jugaghni.

SIMBA Ziju Skar, allura meta jiena nilhaq sultan inti x'tilhaq?

SKAR Iz-ziju ta' xadin...

SIMBA *(jiddiehak)* Ziju Skar... inti tassew ziju stramb.

SKAR Ghadek lanqas inti stess ma taf kemm. Allura... missierek uriek is-saltna, hux hekk?

SIMBA Is-saltna kollha.

SKAR Ma nahsibx li wriek x'hemm lil hinn mill-fruntieri...!

SIMBA *(dizappuntat)* Le... qalli li qatt m'ghandi nersaq lil hemm.

SKAR Dazgur, dazgur. Sewwa qallek. Lil hemm jersqu biss dawk l-aktar kuraggjuzi u li ma jibzghu minn xejn.

SIMBA Imma jiena ma nibza' minn xejn. Mela x'hemm lil hemmhekk?

SKAR Jiddispecini Simba. Ma nistax nghidlek.

SIMBA L-ghaliex?

SKAR Ghax... ghax... jiena dejjem hsiebi fil-gid tieghek. Li dejjem izzomm 'l boghod mill-periklu. Inti n-neputi favorit tieghi. *(SKAR izieghel b'SIMBA b'makkakkerija.)*

SIMBA L-uniku neputi tieghek.

SKAR Aktar u aktar ghandi nipprotegik. Ic-cimiterju ta' l-Iljunfanti mhux post ghall-princep ckejken. Ups... skuzani... harbitli...!

SIMBA *(ecitat)* Cimiterju ta' xiex...??!!

SKAR X'wahda din! Qatt ma messni ghidthielek. Imma nsomma, illum jew ghada, iljun intelligenti bhalek zgur kont issir taf. Imma Simba, irridek tweghidni li qatt ma tersaq lejn dak il-post.

SIMBA Thabbilx rasek, ziju Skar.

SKAR M'hawnx ghalik. Issa mur oqghod ilghab. U tinsiex... dan kollu zommu sigriet bejnietna.

**SIMBA jitlaq. SKAR jibqa' jhares lejh, b'harsa kiefra fuq wiccu.**

## **XENA 4** - *Pride Lands / Fantastiku*

**Jidhol SIMBA isejjah li NALA**

SIMBA Nala... Nala... fejn inti?

NALA Hawn... x'gara Simba? Jaqaw, se mmorru sa hdejn l-ghadira c-ckejkna?

SIMBA Le, Nala... jien u inti se mmorru f'post li qatt hadd ma mar fih.

NALA Li hadd qatt ma mar fih? Mela dan fejn jahbat. X'post hu?

SIMBA *(minn taht l-ilsien)* Ic-Cimiterju ta' l-Iljunfanti!

NALA *(tghajjat)* Ic-Cimiterju ta' l-....

SIMBA *(isikkitaha)* Ixxxx... Iskot, nahseb li qed nilmah lil Zazu riesaq 'l hawn. *(Jibdel it-ton)* Hemm.... iva... niehdu gost immorru ncafcfu fl-ghadira c-ckejkna.

**Jidhol ZAZU**

ZAZU Kont naf li se nsibkom hawn. *(jidhak b'sodisfazzjon)* Kemm niehu gost narakom flimkien. U anki l-orituri taghkom jiehdu gost, ghax intom diga mweghdin ghal xulxin.

SIMBA Imweghdin ghal xiex?

ZAZU Ghal xulxin.

NALA X'jigifieri?

ZAZU *(pompuz)* Jigifieri la tikbru intom jehtieg tizzewgu.

SIMBA/NALA Jaaaqqq.

SIMBA Ma nistax nizzewweg lil Nala. Dik il-habiba tieghi.

NALA Mela x'inhu. Qatt ma smajt b'haga tal-biza' daqs din!

ZAZU *(Sarkastiku)* Skuzawni li kelli naghtikom ahbar daqshekk "tal-biza'" Imma m'ghandkomx ghazla ohra. Hekk hi t-tradizzjoni; tradizzjoni li tmur lura sekli shah.

SIMBA Mela, malli nilhaq sultan, din tkun l-ewwel haga li nibdel.

ZAZU — Sakemm jien nkun ghadni nferfer zgur mhux se jirnexxilek tmiss it-tradizzjonijiet taghna.

SIMBA — Mela f'dak il-kas, qed naghtik is-sensja minn issa!

ZAZU — Strategija tajba, kieku, imma ghandek tkun taf li haga bhal din is-Sultan biss jista' jaghmilha.

NALA — Tibzax... Simba daqt jilhaq Sultan.

SIMBA — Hekk hu. *(lil Zazu)* U inti jkollok toqghod ghalli nghidlek jiena.

ZAZU — Imma mhux ghalissa. Se jkollok tistenna ftit mhux hazin.

SIMBA — Ma naqbilx mieghek. Jiena ghandi genn sa ma nilhaq Sultan.

**<u>KANZUNETTA 3</u>** *(Ghandi genn sa ma nilhaq Sultan)*

SIMBA — Jien daqt inkun sultan tassew
Sultan bil-wisq maghruf!
ZAZU — Jiena qatt ma rajt sultan bhal dan
Li bil-kemm ghandu suf.

SIMBA — Tibzax dalwaqt insir daqsiex
U nkexkex lil kulhadd,
Qed nipprepara hoss tal-genn
Li bhalu ma smajt qatt.
ZAZU — S'iss' ghadni qatt ma smajtu hoss bhal dan.
SIMBA — Ghandi genn sa ma nilhaq sultan!

ZAZU — *(Parlant)* Fadallek bicca sewwa sa ma tiehu post bhal dak....

SIMBA — Hadd ma jghidli "Mur 'l hemm"
ZAZU — *(Parlant)* Imma jien kull met' ghidtlek...
NALA — Hadd ma jghidli "Ej 'l hawn"
ZAZU — *(Parlant)* Li ridt nghid huwa...
SIMBA — Hadd ma jghidli "Kul dan!"
ZAZU — *(Parlant)* Pero' int mintix tirrealizza...
SIMBA+NALA — Hadd ma jghdli "Tmissx dak!"
ZAZU — *(Parlant)* Ipprova ifhem ftit
SIMBA — Nigri fejn irrid kuljum
ZAZU — *(Parlant)* Imma dan ma jistax ikun...
SIMBA — Inkun hieles malli nqum.

ZAZU — Dan huwa l-waqt li ntik malajr
Parir dwar il-futur
SIMBA — Slaten m'ghandhomx bzonn
Pariri minn daqsxejn t'ghasfur
ZAZU — 'Kk is-saltna sejra tkun b'dal-mod
Allura tqisunix,
Lest nirrezenja bi protesta
U zgur ma ssibunix.

| | |
|---|---|
| | Jien qatt ma rajt dizastru kbir daqs dan |
| SIMBA | Ghandi genn sa ma nilhaq sultan! |
| | --- *MUZIKA* --- |
| SIMBA | Harsu sewwa lejja<br>Harsu b'attenzjoni<br>Jiena se nkun ic-centru<br>Jiena l-attrazzjoni |
| ZAZU | *(Parlant 'in strict time')* Bil-mod! |
| KOR | Se jkollna Kap hekk qawwi u setghan,<br>Il-gid hawn fostna ser ikun kotran,<br>Kull annimal tassew se jkun ferhan, |
| SIMBA+KOR | Ghandi genn sa ma nilhaq sultan<br>Ghandi genn sa ma nilhaq sultan<br>Ghandi genn sa ma nilhaq sultan |

---

## **XENA 5** - *Cimiterju ta' l-Ilunfanti*

**Jidhlu SIMBA u NALA**

| | |
|---|---|
| SIMBA | Ghandu jkun wasalna. Nahseb dan huwa l-post li semmieli z-ziju Skar. |
| NALA | Kemm hu post stramb! |
| SIMBA | Iz-ziju qalli li trid tkun kuraggjuz biex tasal hawn. |
| NALA | U nistghu nidhlu f'xi bicca nkwiet, ukoll! |
| SIMBA | Jaqaw qed tibza'? |
| NALA | Ma tantx fih wisq x'jigbdek, post bhal dan. |
| SIMBA | *(jersaq lejn ghadam)* Nahseb li dak kollu ghadam ta' l-iljunfanti. Ejja ha narawh sewwa. |

**Jidhol f'salt ZAZU**

| | |
|---|---|
| ZAZU | Nahseb li l-unika haga li se taraw sewwa hija t-triq lura lejn id-dar. |
| SIMBA | Hawn x'inti taghmel? Hawn jghodd biss ghall-kuraggjuzi. |
| ZAZU | Ma tafx li dal-post huwa lil hinn mill-fruntieri taghna? Ipprojbit u perikoluz. |
| NALA | Nahseb li ahjar immorru lura mnejn gejna. |

SIMBA Kif perikoluz ?

ZAZU Dan hu l-post tal-jeni... annimali mahmugin, imgermda u stupidi. Hadd ma jersaq lejn l-inhawi taghhom.

SIMBA Imma jiena s-Sultan futur!

**Jinstema' d-dahk tal-JENI**

NALA Dan xi jkun?

ZAZU Haffu... imxu lura. M'ghandniex zmien x'nitilfu.

**Jitfaccaw il-JENI**

JENA 1 Dan x'jiena nara... tliet trasgressuri.

JENA 2 Jidhlu fejn mhux suppost

JENA 3 U wiehed minnhom imfelfel...

JENA 1 Jew bir-rix qed jaqaghlu.... *(jiddiehku)*

JENA 2 Stenna ftit... lil dan qed naghrfu. Int mhux il-buffu ta' Mufasa??

ZAZU *(pompuz)* Jiena l-Maggordomo tieghu.

JENA 3 Ahhh "Maggordomo"! *(aktar dahk)*

ZAZU Skuzawni... hmmm ...hadna zball fit-triq. Intlifna u issa sejrin lura. L-ghodwa t-tajba. Is-sliem ghalikom. Sahha u barka. Caw-caw!

JENA 1 *(taghlaqlu triqtu u tersaq thares lejnSimba)* Stenna stenna. U dan il-gremxula min jahbat?

SIMBA Jiena Simba... is-Sultan futur. Iben Mufasa.

JENA 2 Waww... mela fostna ghandna princep.

SIMBA U bhala s-Sultan futur lili ma tistghu taghmluli xejn. Ghidilhom Zazu.

ZAZU Hmmm.. ehh... teknikament hawnhekk ahna m'ghandna l-ebda setgha ghax ninsabu fl-artijiet taghhom.

SIMBA Imma inti m'ghidtlix li dawn annimli mahmugin, imgermdin u stupidi??

JENA 3 Min qalilna mahmugin?

JENA 1 U mgermdin?

JENA 2 U stupidi?

ZAZU X'wahda din ara x-xemx kemm telghet 'il fuq. Issa se jkollna nhallikom bis-serjeta'.

| | |
|---|---|
| JENA 3 | Ghalfejn din l-ghagla kollha. Mhux ahjar tibqghu maghna "L-Jum kollu" ?? |
| JENA 1 | L-iljun kollu....*(dahk).* |
| JENA 2 | Iva... x'ferh dal-jum! |
| JENA 3 | Ha-ha.. ferh ta' Ljun!!!! |
| | **ZAZU jgebbdilhom idejhom biex jaharbu. Imma l-JENI f'salt wiehed iduru maghhom u jersqu lejhom sakemm isakkruhom fin-nofs tal-palk. Hekk kif ikunu ser jaghtuhom is-salt tinstema' ghajta kbira ta' Ljun u jitfacca MUFASA.** |
| MUFASA | Hawn x'qed jigri?? |
| JENA 1 | Qeghdin... qeghdin... hmmm... nilaghbu noli ja Kbir MuSafa... |
| JENA 2 | Hmmm... Fumasa... |
| JENA 3 | Hmmm... Mufasa! |
| MUFASA | Noli eh? Jekk biss nerga' naqbadhom magenb ibni... |
| JENA 1 | Ibnek??!! *(lil Jena-2)* Inti kont taf li dan iben Mufasa? |
| JENA 2 | *(Taghmel sinjal ta' LE, waqt li ddur fuq Jena-3)* Inti kont taf li dan iben Mufasa? |
| JENA 3 | *(taghmel sinjal ta' IVA).* |
| JENA 1 | Ma konniex nafu. |
| MUFASA | Mela issa tafu. Sparixxu! |
| JENA 1 | Dazgur. Hadd ma jaf jisparixxi daqsna. Imxu... haffu. |
| JENA 2 | Nisparixxu. |
| JENA 3 | Sparixxejna |
| | **JENI jitilqu.** |
| MUFASA | *(lil ZAZU)* Inti mur hu lil Nala lura d-dar. |
| ZAZU | Issa stess Sire. Minnufih. Nisparixxu bhal dawk il-Jena. Xi tghid Nala? Tlaqna. |
| | **ZAZU u NALA jitilqu.** |
| MUFASA | *(lil SIMBA)* U int..! Int ksirt l-ordnijiet tieghi. |
| SIMBA | Ahfirli. |

MUFASA Iddizappuntajtni, Simba. Mhux biss ksirt l-ordnijiet tieghi imma anki pperikolajt il-hajja ta' Nala.

SIMBA Xtaqt biss inkun kuraggjuz... bhalek.

MUFASA Jiena nkun biss kuraggjuz meta jkun tassew jehtieg. Li tkun kuraggjuz ma jfissirx li tmur tfittex l-inkwiet u l-periklu.

SIMBA Imma inti qatt ma tibza' minn xejn.

MUFASA Illum bzajt.

SIMBA Tassew!!

MUFASA *(bil-hlewwa)* Bzajt li nitilfek...!

SIMBA Forsi... ma nafx... forsi anki s-slaten jibzghu xi ftit.

MUFASA Hmmm...

SIMBA Imma nahseb li dawk it-tliet jeni, malli raw lilek bezghu wisq aktar.

MUFASA Ghax ma' missierek hadd ma jiccajta. Ersaq ftit lil hawn. *(jitghannqu)*

SIMBA Pa... ahna hbieb hux tassew?

MUFASA Hbieb!

SIMBA U tibqa' dejjem mieghi....!

MUFASA Simba... ha nghidlek haga li ili kien qalilhieli missieri. Hares 'il fuq, lejn dawk il-kwiekeb. Is-slaten il-kbar ta' l-imghoddi jinsabu hemm... dejjem iharsu lejna mill-kwiekeb.

SIMBA Tassew?!

MUFASA Ghalhekk Simba, kull meta thossok wahdek ftakar li dawk is-slaten qeghdin hemm biex jiggwidawk. U jiena ghad inkun maghhom. Imxi mmorru d-dar.

**MUFASA u SIMBA jitilqu**

---

# XENA 6 - *Cimiterju ta' l-Ilunfanti*

**It-tliet JENI jharsu mill-kwinti jew minn wara xi wahda mill-forom geometrici.**

JENA 1 Telqu? *(tohrog fuq il-palk meta tara' li m'hemm hadd).* Ajma... ghadni nhoss saqajja jirtoghdu.

JENA 2 Jiena ghandi gismi kollu jirtoghod.

JENA 3 Mishut Mufasa.

JENA 1 Iskot. Issemmihx dak l-isem ghax tqabbadni l-bard.

JENA 3 *(tinki lil Jena-1)* Mufaaasa. Mufaaaasa!

**JENA-2 u JENA-3 jiddiehku.**

JENA 1 Mishutin iljuni. Kemm ma nahmilhomx.

JENA 2 Jidhrilhom li huma 'l fuq minn kulhadd.

JENA 3 Li jistghu jaghmlu li jridu bina.

JENA 1 Mishutin iljuni....

**Waqt li l-JENI qed jghidu "mishutin iljuni" jidhol SKAR**

JENI *(flimkien)* Mishutin iljuni.

SKAR Qed nara li ppreparajtuli merhba sabiha.

JENA 3 Ajma Skar x'qatgha tajtni. Hsibtu wasal xi hadd importanti.

SKAR U l-ghaliex ahna l-iljuni mishutin?

JENA 2 U le Skar, mhux ghalik konna qed nghidu. Inti wiehed minna.

JENA 1 Konna qed nghidu ghal iljuni "ta' veru" bhal ... hemm... bhal...

JENA 3 Bhal Mufasa.

JENA 2 Insomma Skar. Gibtilna xi haga x'nieklu?

SKAR Xi tridu aktar? Jien ga bghattilkom zewgt ifrieh torja u tajbin, ippakkajti u lesti ghall-pranzu, imma lanqas biss kellkom hila tmiddu jdejkom fuqhom.

JENA 3 Kif stajna? Mela ma tafx min gie jaqbez ghalihom? Xi ppretendejtna naghmlu. Noqtlu lil Mufasa?

SKAR Mela x'inhu! Toqtlu lil Mufasa!

**<u>KANZUNETTA 4</u>** *(Be Prepared)*

SKAR Naf sew li kemm ilkom tezistu
Lil mohhkom qatt ma haddimtuh,
Imm'issa hemm bzonn l-attenzjoni
Dan kliemi jehtieg li tifhmuh.

Mill-harsa ccassata f'ghajnejkom
Jien naf illi mohhkom marid,
Imm'issa hemm kwestjoni ta' renju,
Minghandkom nehtieg daqqa t'id.

Lestu ruhkom ghac-cans ta' hajjitkom
Lestu ruhkom ha ntikom l-ahbar
Zmien gdid gej ghalina
Li gid se jaghtina.

JENA 2 X'se jkun ix-xoghol taghna?

SKAR Jaghmilkom setghana.

'Kk tghinuni f'xewqati
Zgur tkunu ppremjati
Meta jsehh dak li ghandi ppjanat,
Tiehdu posthom bla l-ebda tahbit
Gej zmien gdid!

--- *WAQT IL-MUZIKA* ---

JENA 1 Tajjeb, tajjeb.. prosit! Gej zmien gdid. Xi zmien hu?

SKAR Il-mewt tas-Sultan.

JENA 1 Dan kif? Mela marid?

SKAR Le stupidi. Se noqtluh. U lil Simba wkoll.

JENA 2 Idea tajba! Das-sultan x'nambuh?

FLIMKIEN *(Vucijiet 'Sing-song', jizfnu madwar JENA 1)* Addio s-slaten kollha... la la la la laa laa!

SKAR Imbecilli! Se jkollkom sultan!

JENA 1 Eh? Imm' int m'ghadekx kemm ghidtilna...

SKAR Jien se nkun Sultan! Tuni l-appogg taghkom u qatt ma tkunu aktar bil-guh.

FLIMKIEN Tajjeb! Tajjeb! Viva s-Sultan!

JENI KOLLHA Viva s-Sultan! Viva s-Sultan!

--- *IKANTAW MILL-GDID* ---

JENI Mel' issa se nkunu ta' gewwa
Ma' Sultan minn kulhadd rispettat.

SKAR Jehtieg li flimkien nahdmu sewwa
Sabiex jisfa kollox attwat

Hemm gejjieni tal-genn lest ghalikom,
Ikel bnin u tahbit m'hemmx ghalfejn,
Fi ftit kliem qed nipprova nurikom
Li minghajri ma takkwistaw xejn

Hejju ruhkom ghal din il-battalja
Intom tajba ghal xoghol ftit mahmug, (Oooh... La! La! La!)
Ma kontx naf sew meta (Ikel bnin)
Se nahtaf is-setgha; (Laham fin)
Il-genb kienu jtuni (Kul kemm trid)
Jinsewni, jwarrbuni (Bla tahbit)
Imm'issa zgur gejja (Aaaaaaah...)
Is-saltan f'idejja (...aaaaaaah...)
Jintebhu xi nsarraf tassew. (...aaaaaaah!)
Jien kont ili nistenna mhux ftit
(Oo-oo-oo-oo-oo-oo-oo)
Gej zmien gdid.

ILKOLL Nistennew konna ilna mhux ftit
Gej zmien gdid.

---

# XENA 7 - *Wied*

**SIMBA u SKAR**

SIMBA Allura x'inhija dis-sorpriza li ghandek ghalija?

SKAR Jekk nghidlek x'inhi ma tibqax aktar sorpriza, mhux hekk?

SIMBA Ma jimpurtax... jiena naghmel ta' bir-ruhi sorpriz.

SKAR He-he-he.... inti tassew iljun fuq ruhek. Is-sorpriza li ghandi hija ghalik u ghal missierek. Ara oqghod hawn fuq dil-blata u qis li ma ticcaqlaqx. Jien se mmur ghal missierek.

SIMBA Ahjar nigi mieghek.

SKAR Le, int ibqa' hawn. U ara ma tergax tidhol f'xi bicca nkiet bhalma gralek mal-Jeni.

SIMBA Mela anki inti smajt?

SKAR Kulhadd sama'. Ma jaqbilx terga' ddahhal lil missierek f'aktar inkwiet. Ibqa' hawnhekk.

SIMBA Kollox sew, mela.

**SIMBA jibqa' fuq il-blata. SKAR jitlaq.**

---

## XENA 8 - *Il-Blata L-Gholja / Wied*

**ZAZU u MUFASA fuq il-Blata l-Gholja**

ZAZU Qed tisma' bhali? Il-merhla tal-gniedes donnha qed titharrek.

MUFASA Iva, sew qed tisma'. Donnhom tgerrxu. Resqin in-naha taghna.

ZAZU Sire...sire... hares lil hemm. Simba jinsab f'nofs il-moghdija.

MUFASA Simba!!!!

**Din ix-xena trid tinvolvi grupp kbir ta' tfal, jidhlu ringiela ringiela minn wara, forsi jaghmlu crieki dehlin u hergin mill-kwinti... Simba jitla' fuq wahda mill-forom geometrici li tkun baxxa bizzejjed u bil-wicc mhux inklinat wisq... jitmexxa 'l hawn u 'l hinn mill-*istampede*. Mufasa li jidher ghaddej minn gol-folla ... jitla' u jerga' jinbela', u isalvah billi jigi hdejh fuq il-forma, u jghinu jghaddi ghal fuq xi livell iehor jew ghal gol-kwinti. Mufasa jerga jittiehed lejn in-naha l-ohra fejn jipprova jitla' ma' forma ohra aktar gholja mibnija madwar sellum, Skar minn fuq li jwaqqghu ghal isfel, jew jingibed mill-*istampede* u jithalla mejjet fin-nofs. Simba jigi jfittex lil missieru, jipprova jqajmu (dawn mossi li forsi nkun stabillixejna l-ewwel darba f'xena 2). Jibqa' hdejn missieru mejjet.**

SIMBA Pa... pa.... xi gralek? Kellimni pa. Iftah ghajnejk. Hares lejja pa. L-ghaliex ma tridx tkellimni? Pa... pa.... *(Simba jinfexx jolfoq)*

---

## XENA 9 - *Wied*

**Jidhol SKAR**

SKAR Simba! X'ghamilt b'idejk?

SIMBA Il-merhla tal-gniedes... ma nafx x'gara. Naf li missieri gie biex isalvani minn go nofshom... imbaghad... imbaghad... incident ... mhux apposta.

SKAR Naf... Simba... naf. Incident. Halla hajtu biex salva lilek. U issa s-Sultan miet. Miet minhabba fik, Simba. Min jaf ommok x'se tghid?

SIMBA X’se naghmel ziju Skar? X’se naghmel?

SKAR Ahrab Simba. Ahrab u tigi lura qatt aktar. Mur!

**SIMBA jahrab, imbikki u kkonfondut.**
**Jidhlu t-tliet JENI.**

SKAR Haffu.... did-darba ara ma thalluhx jaharbilkom. Eqirduh.

**Il-JENI jitilqu jigru ‘l barra**

---

# XENA 10 - *Pride Rock*

**Skar jitla’ fuq il-blata l-kbira (Pride Rock)**
**Muzika waqt li l-annimali jibdew resqin lejh.**

SKAR It-telfa ta’ Mufasa diga hija tragedja kbira ghalina.... ahseb u ara t-telfa ta’ Simba. Qed inhoss tabilhaqq weggha kbira f’qalbi. Ghalija din hija telfa personali u ghalhekk se jkolli nacetta t-tron b’qalbi maqsuma. B’danakollu, minn qalb l-irmied ta’ din it-tragedja zgur li se jirnexxilna nirxuxtaw ghal zmien gdid.

**Jersaq grupp ta’ Jeni (mhux it-tliet Jeni principali)**

Se jkun zmien meta bil-ferha naccettaw fostna lil shabna l-Jeni u lkoll flimkien, Jeni u Ljuni nghixu f’armonija shiha.

**Waqt li titla’ l-muzika u forsi ssir zifna makabra qasira mill-Jeni, jidhlu t-tliet Jena Principali.**

JENA 1 Mgharraq li hu harbilna.

JENA 2 Jekk Skar ikun jaf li ghadu haj, joqtolna zgur.

JENA 3 Min qalilkom li se jibqa’ haj? Harbilna tassew.... imma fejn mar? Mhux fid-dezert? U intom tahsbu li daqsejn ta’ ferh, wahdu wahdu, se jirnexxilu jghix f’dezert bla ikel u bla ilma?

JENA 1 U bl-ajkli u l-isqra jittajru fuq rasu!

SKAR Era gdida fejn jiena se nsaltan fuqkom ilkoll.... b’qalb tassew kbira!

---

# XENA 11 - *Gungla*

**Simba mitluq ghal mejjet. Jidhlu PUMBA u TIMON. Timon jilmah lil Simba u jmur ixammem mieghu.**

| | |
|---|---|
| TIMON | Ersaq ftit ‘l hawn Pumba. Dan x’tahseb li hu? |
| PUMBA | Dan.... dan.... dan donnu ljun! |
| TIMON | Mamma-mia.... Pumba! Imxi nfittxu nitilqu minn hawn. |
| PUMBA | Stenna ftit, Timon. Dan ghandu bzonn l-ghajnuna. |
| TIMON | X’inti tghid Pumba?! Mela nsejt li ahna l-ikel favorit ta’ l-Iljuni? |
| PUMBA | Iva imma dan ghandu daqs nitfa. |
| TIMON | Dazgur.... imma minghalija l-iljuni jikbru. |
| PUMBA | Jidher daqshekk helu u gustuz. Forsi meta jikber ikun habib taghna u jaqbez ghalina. |
| TIMON | Holma sabiha kieku. Isma’ minni.... imxi mmorru lura mnejn gejna. |
| | **SIMBA jitniehed.** |
| PUMBA | Ghandu bzonn l-ghajnuna. Timon, mur fittex giblu l-ilma. |
| TIMON | X’naghmel?! |
| PUMBA | Ghidtlek mur fittex giblu l-ilma. |
| TIMON | Tajjeb ukoll, biex wara li jiekol lilna ikun jista’ jbill grizmejh! |
| | **TIMON jitlaq igib l-ilma.** |
| PUMBA | Tibzax ckejken. Daqt tiehu sahhtek mill-gdid. U dan kif sibt ruhek hawn, f’dan il-post imwarrab.... boghod minn darek? Bil-fors li ntilef miskin. |
| | **TIMON jidhol bl-ilma.** |
| TIMON | X’aktar issa? Noqghodlu mimdud bil-lest fuq platt? |
| | **PUMBA jisqi lil SIMBA** |
| PUMBA | Ixrob ckejken... ixrob. |
| TIMON | Jekk jimla zaqqu bl-ilma biss ma jimpurtax wisq, kieku. |
| SIMBA | *(jistejqer)* Hawn fejn jiena? |
| TIMON | *(imbezza’)* Qed jitkellem! |
| PUMBA | *(lil Simba)* Thabbilx rasek ckejken. Ahna hbieb tieghek. U se nghinuk. Hux tassew Timon? |

TIMON Hmm.. ehhh... hbieb tieghek. Mela x'inhu!

SIMBA Grazzi hafna, hbieb.

TIMON Hmmm... jidher simpatiku. Isma'... jiena jisimni Timon. U jiena salvajtek.

PUMBA *(iqahqah b'nuqqas ta' approvazzjoni).*

TIMON Bil-ghajnuna ta' Pumba, naturalment. X'jismek ckejken?

SIMBA Simba.

PUMBA Dan kif sibt ruhek hawn. Mnejn gejt?

SIMBA Mhux importanti mnejn gejt. Hu x'inhu issa qatt ma nista' mmur lura.

PUMBA Jigifieri inti mkecci. Mela ltqajna ghax ahna mkeccijin ukoll.

TIMON Dan x'ghamilt biex keccewk?

SIMBA Haga kerha hafna. Ma rridx nitkellem dwarha.

TIMON Prosit. U ahna lanqas ma rridu nafu. Hux tassew Pumba?

PUMBA Hekk hu!

TIMON U meta d-dinja taghtik daharha, haga wahda biss hemm x'taghmel. Aghtiha dahrek.

SIMBA Imma lili mhux hekk ghallmuni.

PUMBA Mela wasal iz-zmien li titghallem lezzjoni gdida. Siehbi Timon isejhila HAKUNA MATATA.

SIMBA Xiex?

TIMON Hakuna Matata!

**<u>KANZUNETTA 5</u>** *(Hakuna Matata)*

TIMON *(parlant)* Hakuna Matata!
Hija kelma tal-genn
PUMBA *(parlant)* Hakuna Matata!
Fiha zgur issib kenn

TIMON *(Kant)* Bla xejn problemi
Tghix ghal dejjem kuntent.
FLIMKIEN: U b'hekk ahna t-tnejn
Ma nbatu xejn.

TIMON Hakuna Matata!

SIMBA *(parlant)* Hakuna Matata?

PUMBA Il-motto taghna.

SIMBA Motto xi jkun?

TIMON Motto... tfisser "matto"... Mignun!?
Ah haah haah hah hah...

PUMBA *(Jidhak)* Mela x'inhu... b'hekk issolvi l-problemi kollha.

TIMON Hekk hu! Hu minn Pumba per ezempju.

TIMON *(ikanta)* Meta kien ghadu ckejken...

PUMBA *(tenorili/soprano skond il-kapacita')* Kont veru ftit imsejken!

TIMON *(Parlant... sarkastiku)* Tajjeb!

PUMBA Grazzi!

TIMON *(ikanta)* Intebah li shabu kienu kollha jwarrbuh
Ghax ir-riha li kellu ma tantx kienet tfuh

(Il-partijiet fil-parentesi huma "parlant" minn Timon)

PUMBA Ghalkemm nidher ftit raff, jien tassew sensittiv
Kont ninkedd jekk kulhadd ikun mieghi kattiv

PUMBA Kont nisthi wisq
TIMON (Kien jisthi wisq)
PUMBA Hsibt li nahrab x'imkien
TIMON ('Mma jinxtamm kullimkien)
PUMBA Dwejjaq kbar kont inhoss
TIMON (Hlief wara xi ikla)
PUMBA Kull meta kont ser in...

TIMON *(parlant)* Hej Pumba... mhux quddiem it-tfal!
PUMBA *(parlant)* OK. Sorry.

PUMBA
u TIMON Hakuna Matata!
Hija kelma tal-genn
Hakuna Matata!
Fiha zgur issib kenn.

SIMBA Bla xejn problemi
Tghix ghal dejjem kuntent

TIMON *(parlant)* Hekk, kanta maghna!

| | |
|---|---|
| SIMBA u TIMON | U b'hekk ahna t-tnejn... |
| PUMBA | ...Ma nbatu xejn |
| ILKOLL: | Hakuna Matata! |
| | *(Djalogu normali)* |
| TIMON | Merhba f'din id-dar taghna. |
| SIMBA | Allura intom tghixu hawnhekk? |
| TIMON | Ahna nghixu kulfejn ifettlilna. |
| PUMBA | Id-dar tkun kulfejn niddeciedu li nserrhu l-warrani |
| SIMBA | Toghgobni l-idea. |
| PUMBA | Jien bil-guh. |
| SIMBA | Jien niflah niekol zebra. |
| TIMON | Ehm... ilu ma jkollna zebra friska!. |
| SIMBA | Xi cerva forsi? |
| TIMON | Lanqas. |
| SIMBA | Hippo? |
| TIMON | Lanqas. Isma', issa trid tibda tghix bhalna u tiekol minn dak li nieklu ahna. Minn dawn ara... *(Jurih l-art go rokna hdejn wahda mill-piramidi)* |
| SIMBA | Tieklu d-dud? |
| TIMON | U n-nannakoli u l-gurati! |
| SIMBA | Hieeeehhhh! |
| TIMON | (Jiekol b'halqu mimli) Mmmm. Toghma ta' Burgers. |
| | **Pumba u Timon jigbru d-dud il-art u jieklu.** |
| PUMBA | *(Jibla')* Jizolqu daqsxejn u dejjem nikluhom *rare!*. |
| TIMON | *(Jomghod)* Mmmmm.... *menu a la carte!* |
| PUMBA | *(Jiekol) Compliments from the Chef!* |

TIMON — *(Jomghod)* Oqghod fuq kliemi... m'hawnx hajja isbah minn din. La regoli. La responsabbilitajiet. U fuq kollox: inkwiet ta' xejn.

SIMBA — Insomma xi trid taghmel? Hakuna Matata. *(jiekol... Ferhan)* Mmmm... *Medium rare!*.

TIMON — Preciz!

PUMBA u TIMON — *(ikantaw mal-muzika)*
Hakuna. Matata. Hakuna. Matata. Hakuna. Matata.

SIMBA — Bla xejn problemi
Tghix ghal dejjem kuntent

ILKOLL: — U b'hekk ma nbatu xejn
M'ghandniex ghalfejn

SIMBA — Hakuna Matata... etc... *(tirrepeti... skond il-muzika)*

---

## **XENA 12** - *Pride Lands Meqrudin*

**SKAR u ZAZU. Dan ta' l-ahhar imsakkar go gagga. Jidhlu t-Tliet JENI**

SKAR X'rega' nqala', issa?

JENA 1 *(aside lil shabha)* Kif se naqbdu nghidulu?

JENA 2 Aqbad u ghidlu. M'hemmx x'taghmel.

JENA 3 Hallu f'idejja. Skar, l-ikel spicca kollu. U issa anki l-ilma naqas. Ma nistghux nibqghu sejrin hekk.

SKAR Isktu. Imisskom tafu li dak huwa xoghol l-iljunessi. Mhux xoghli. Morru ghidu lilhom.

JENA 1 Iva... imma.. Skar... Sire... ftakar li issa inti s-Sultan. Mindu miet Mufasa...

SKAR Issemmux dak l-isem quddiemi. Jiena s-Sultan. Jiena!

JENA 3 Imma sultan ta' veru suppost jipprovdilna x'nieklu.

JENA 2 U l-iljunessi mhumiex isibu ikel. L-annimali kollha telqu.

SKAR Mela itilqu intom ukoll. Barra. Barra!

**IL-JENI JITILQU**

SKAR Imma l-ghaliex donnu xejn mhu qed jahdem sewwa? *(lil Zazu)* Ghidli Zazu... x'ghandi inqas minn hija jien?

ZAZU Trid il-lista l-qasira jew it-twila?

SKAR *(Irrabjat)* Jiena s-Sultan. Jiena biss. *(Jikkalma)* Ghidli Zazu. X'hemm differenti?

ZAZU Mela... kellu sudditi li jirrispettawh, familja li thobbu, regina devota...

SKAR X'inhu? X'ghidtli?

ZAZU Skuzani Sire... ma ridt infisser xejn b'daqshekk....

SKAR Le, le... x'ghidtli dwar ir-regina?

ZAZU Ghidtlek li Mu... ehm... huk kellu regina devota.

SKAR — Regina! Mela x'inhu. Dak hu li ghadni bzonn. Regina. Meta l-annimali jaraw li ghandi regina, jibdew jirrispettawni aktar ghax inkun sultan komplut.

**Tidhol NALA**

NALA — Skar... ma nistghux nibqghu sejrin hekk. Kulhadd iwahhal fina li m'ahniex nipprovdu l-ikel... imma minn fejn....

SKAR — Ersaq lil hawn sabiha tieghi. Issa hallik mill-ikel.

NALA — X'gara? Biex inti gej?

SKAR — Kulhadd jaf li inti l-isbah iljunessa li hawn. U kulhadd jaf ikoll li jien l-isbah u l-aqwa ljun. Hux tassew Zazu? Qed tara anki Zazu jaqbel. Allura inti jehtieg li tkun il-mara tieghi.

NALA — X'inhu?

SKAR — Ghandek ragun tiskanta. Iva, naf li ma jisthoqqlokx gieh bhal dan. Imma ma jimpurtax. Jiena minix imkabbar. Inti se tkun il-mara tieghi.

NALA — Ma jistax ikun.

**SKAR jersaq jitkellem ma' ZAZU.**

SKAR — *(lil ZAZU)* Issa rridu naraw xi preparazzjonijiet irridu naghmlu ghat-tieg taghna.

ZAZU — Tieg minghajr riceviment... ikolli nghid.

SKAR — Inti issa hallik minn dan. Ara, l-ewwelnett jehtieg inlaqqghu l-annimali kollha flimkien u nghidulhom li.... *(fade)*

NALA — Ma jistax ikun. Ili s-snin nissaporti fis-skiet, imma issa dan izzejjed. Nahrab minn hawn darba ghal dejjem.

**NALA titlaq.**

SKAR — .... imbaghad ingieghel l-annimali kollha jinzlu jitbaxxew quddiemi u quddiem ir-regina l-gdida.

ZAZU — Skar.....

SKAR — U kull filghodu nibdew nohorgu nippassiggaw flimkien u inti toqghod ittir fuq rasna u tghajjat. "Is-Sultan Skar u r-Regina Tieghu".

ZAZU — Skar...

SKAR — Ma toghgbokx l-idea. Xi tghid?

ZAZU Nahseb li f'dan it-tieg mhux biss riceviment mhux se jkollna imma lanqas gharusa.

SKAR X'gara? Fejn marret?

ZAZU Telqet *honeymoon* wahidha.

---

# XENA 13 - *Gungla*

**Jidhlu PUMBA u TIMON imwerwrin.**

TIMON Simba... Simba... fejn inti?

PUMBA Simba... haffef.

**Tidhol NALA**

TIMON Spiccajna ahna.

PUMBA Mitlufin.

TIMON *(lil Nala)* Dan ehxen minni. Jien ma fini xejn jahasra. Simbaaa!

**Jidhol SIMBA. Kif jilmah lil NALA jersaq lejha. Iduru bil-mod ma' xulxin iharsu cass f'ghajnejn xulxin.**

PUMBA Ghidilha Simba li ahna hbieb tieghek. Ghidilha.

NALA *(bil-mod u bi skantament kbir)* X'qed isejhulek?

SIMBA Simba. U inti... inti.... inti Nala?

NALA *(tingibed lura)* Simba!!! Kif jista' jkun. Lilna qalulna li inti mejjet.

SIMBA Nala! X'sorpriza din.

PUMBA Qed tara jien mill-ewwel ghidtlek li din kienet habiba taghna.

TIMON Mhux inti titwerwer mix-xejn. Helow... jimporta tintroducina.

SIMBA Nala... dan huwa Timon... u dan Pumba. Hbieb tieghi.

NALA Ghandi pjacir. Simba, min jaf kemm se jifirhu meta jsiru jafu li ghadek haj. L-aktar ommok.

SIMBA Nala... ahjar hadd ma jkun jaf xejn.

NALA Kif jista' jkun. Kollha minghalihom li inti mejjet. Skar kien qalilna kollox dwar dak li gara meta kienet sfrattat il-merhla...

SIMBA U x'kien qalilkom aktar?

NALA Issa hallik minn dan. L-aqwa li inti ghadek haj. Inti s-Sultan!

PUMBA Sultan? Jien qed nisma' sewwa?!

TIMON Simba jhobb jiccajta. Hux mhux veru inti sultan?

SIMBA Le!

NALA Simba!

SIMBA Le... forsi xi draba... kont se nkun sultan. Imma dak kien zmien twil ilu.

TIMON Dawn xi praspar huma? Inti Sultan u ma ghidtilna qatt?

SIMBA Harsu lejja. Ghandi s-sura ta' Sultan? Jien l-istess Simba li tafu intom.

PUMBA Imma bis-setgha ta' sultan!

NALA *(lil PUMBA u TIMON)* Hemm.... hbieb... jimporta thalluna ftit wahidna.

TIMON Le thabbilx rasek... li ghandek tghid tista' tghidu quddiemna. Hux tassew Simba.

SIMBA *(imbarazzat)* Hmmmm... nahseb li ahjar twarrbu ftit.

TIMON *(lil Pumba)* Dik ikollha... u jien minghalija kont nafu.

**PUMBA u TIMON jitilqu**

NALA Simba. Inti qisek irxuxtajt mill-mewt. Ghadek ma tafx dan xi jfisser ghall-annimali kollha. U ghalija.

SIMBA Jien... jien ukoll kuntent li.... li ergajt sibtek.

NALA Tghidx kemm immissjajtek!

SIMBA U jiena wkoll.

**KANZUNETTA 6** *(Can You Feel the Love Tonight)*

TIMON Jien nahseb naf x'se jigri
PUMBA (Xiex?)
TIMON Izd' huma ma jafux
PUMBA (Min?)
TIMON Se jsibu ruhhom f'xibka maqbudin
U tarf taghha ma jsibux.

PUMBA (Oh.)

TIMON *(b'accent Franciz... sarkastiku)* Dad-dawl hekk baxx u helu
*(Accent normali)* Iqabbdek it-tferfir
B'din l-atmosfera hekk romantika
Zgur gej dizastru kbir

LEAD F'qalbek thoss tqanqil sabih
F'das-seher tal-holqien,
Id-dinja llum ittektek b'ritmu gdid
Li jheggeg kullimkien.

SIMBA Kemm xorti rrid nghidilha,
Kif nibda lanqas naf;
Dwar dak li darba sehh. Kif nista'?
Titlaqni 'kk issir taf.

NALA Xi haga zzommu lura,
Nixtieq kuragg naghtih.
L-ghaliex ma jridx ikun dak is-sultan
Li hemm mohbi go fih?

KOR F'qalbek thoss tqanqil sabih
F'das-seher tal-holqien
Id-dinja llum ittektek b'ritmu gdid
Li jheggeg kullimkien.

F'qalbek thoss tqanqil sabih
Ghax taf li int mahbub,
Tfigg l-imhabba tfuh daqs l-isbah ward
Bejn daz-zewgt iqlub

TIMON 'Kk l-imhabba jhalli tistordih *(Pumba ser jibda jibki)*
Tista' trodd salib *(Timon jghannaq lil Pumbaa)*
PUMBA Iz-zmien tal-paci tar mar-rih
FLIMKIEN U t-tmiem jinsab fil-qrib! *(Jibdew jibku 'full force')*

---

# XENA 14 - *Gungla*

**Sett bhal qabel.**

NALA Haga wahda biss ma nistax nifhem. Ilek haj das-snin kollha... l-ghaliex ma gejtx lura maghna?

SIMBA Ridt... hmmm.. ridt nghix ghal rasi... biex insib hajti mill-gdid. U rnexxieli.

NALA Ghadek ma tafx kemm kellna bzonnok id-dar.

SIMBA Le... lili hadd m'ghandu bzonni.

NALA Dazgur li ghandna bzonnok. Inti s-Sultan.

SIMBA Nala, dil-haga diga' tkellimnieha. Jiena minix aktar is-Sultan. Issa s-Sultan huwa Skar.

NALA Taf li Skar halla lill-Jeni jiehdu kollox f'idejhom?

SIMBA X'inhu!?

NALA U dawn qerdu kollox. La fadlilna ikel u lanqas ilma... Simba.. jekk ma tigix int u tara x'taghmel kulhadd se jmut bil-guh.

SIMBA Le... jien qatt ma nista' nigi lura.

NALA Imma l-ghaliex??

SIMBA Nala, hemm hwejjeg li inti ma tistax tifhimhom.

NALA Xi hwejjeg huma?

SIMBA Thabbilx rasek bihom. Insiehom. Hakuna Matata.

NALA X'inti tghid?

SIMBA Hakuna Matata! Lezzjon li tghallimt kemm ili hawnhekk. Tfisser "Thabbilx rasek".

NALA Kif tista' ma thabbilx rasek meta dan kollu huwa responsabbilta' tieghek? Kif tista' titlaq kollox wara spallejk u tahrab?

SIMBA Inti mhux hekk ghamilt?

NALA Imma jien gejt infittex l-ghajnuna... u sibt lilek. Inti l-unika tama taghna.

SIMBA Skuzani.

NALA Xi gralek, ghid? Mintix is-Simba li naf jien.

SIMBA Ghandek ragun. Minix. Sodisfatta issa?

NALA Le mhux sodisfatta. Dizappuntata.

SIMBA Kliemek ezattament bhal ta' missieri.

NALA Ta' lanqas hawn xi hadd jixbah lil missierek.

SIMBA *(irrabjat)* Ismaghni sewwa. Ma tistax f'daqqa wahda titfacca hekk f'salt f'hajti u tipprova tghallimni kif ghandi nghix. Int qatt ma tista' tifhem jiena minn xiex ghaddejt.

NALA Jekk tghidli forsi nifhem.

SIMBA Hallini wahdi. Mur.

NALA Kollox sew!

**NALA titlaq.**

---

## **XENA 15** - *Gungla (Lejl)*

**Sett ghad-dehra ta' Mufasa.**

SIMBA Kont sewwa tant... l-ghaliex kellu jinqala' dan kollu? *(ihares 'il fuq)* Pa... darba kont ghidtli li qatt m'inti se titlaqni wahdi. Fejn inti? Fejn int?

**Effetti specjali. Jitfacca Mufasa.**

MUFASA Simba...

SIMBA Pa. Inti?

MUFASA Simba. L-ghaliex insejtni?

SIMBA Le... ma nsejtekx. Kif jista' jkun?

MUFASA Inti nsejt min inti tassew... u allura nsejt lili wkoll. Hares sewwa go fik innifsek. Inti wisq aktar minn dak li inti bhal issa. Jehtieg tiehu postok lura fic-cirku l-kbir tal-hajja.

SIMBA Kif nista' mmur lura?! Jien m'ghandix dak l-istess li kont qabel.

MUFASA Ftakar min int. Inti ibni. Inti l-veru Sultan. Ftakar min int.

SIMBA Pa... thallinix wahdi.

MUFASA Ftakar min int....

SIMBA Thallinix...

MUFASA Ftakar...

---

## **XENA 16** - *Pride Rock*

**Lura lejn "Il-Blata l-Kbira" (Pride Rock).**
**Jeni u Ljunessi prezenti.**
**SKAR jitkellem ma' SARABI**

SKAR Sarabi... ersaq lil hawn.

SARABI Xi trid?

SKAR Fejn huma shabek il-kaccaturi. L-ghaliex mhumiex jaghmlu xogholhom?

SARABI Skar, mhemmx aktar ikel xi nsibu. Il-merhliet qabdu triqthom u telqu.

SKAR Iggibx skuzi. Mintomx tikkaccjaw bir-reqqa.

SARABI L-ghaliex ma tridx tammetti? Spicca kollox, Skar. Ghazla wahda biss fadlilna... nitilqu minn dal-post darba ghal dejjem.

SKAR M'ahna se mmorru mkien.

SARABI Mela allura kkundannajtna ghall-mewt.

SKAR Ma jkun gara xejn.

SARABI *(skantata)* Skar. Ma tistax taghmel hekk.

SKAR Jiena s-Sultan u naghmel li rrid.

SARABI Li kieku kont Sultan imqar in-nofs ta' li kien Mufasa....

**Skar jattakkaha...**

SKAR Jiena ghaxar darbiet ahjar milli kien Mufasa....

**Jitfacca SIMBA fuq il-blata. Jghajjat ghajta kbira.**

SKAR *(jahsbu Mufasa)* Mufasa? Ma jistax ikun. Inti mejjet.

SARABI Mufasa? Kif jista' jkun?

SIMBA Mintix taghrafni, Ma? Jiena Simba.

SARABI Simba!? Ghadek haj? Kif jista' jkun?

SIMBA Issa hallik minn dan. L-aqwa li ergajt lura maghkom.

SKAR Simba! Tassew qed niskanta nerga' narak *(jaghti daqqa t'ghajn lejn il-Jeni)....* haj!

SIMBA Aghtini raguni wahda l-ghaliex m'ghandix incarrtek fi tnejn?

SKAR (*imbezza')* Simba... ghadek ma tafx x'piz kelli ngorr biex immexxi din is-saltna ...

SIMBA Saltna li mhix tieghek. Warrab min-nofs Skar. Iz-zmien tieghek intemm.

SKAR Li kieku kien ghalija kont inwarrab bil-qalb kolha. Imma hemm daqsxejn ta' problema. Dawk *(jurih il-Jeni)* minghalihom li s-Sultan huwa jien.

**NALA tiehu postha ma' l-Iljunessi.**

NALA Imma ahna nafu min hu s-Sultan propju. Simba!

SIMBA L-ghazla f'idejk Skar. Jew twarrab jew lesti ruhek ghall-glied.

SKAR Kif Simba? Se nispiccaw bil-vjolenza? Ma nixtieqx nara jinqatel membru iehor tal-familja taghna. Xi tghid Simba?

SIMBA Mintix se thawwadni aktar bi kliemek. L-imghoddi ghalija spicca u mar.

SKAR Imma min jaf x'jghidu s-sudditi fidili tieghek. Tghid ghalihom l-imghoddi spicca wkoll?

NALA Fuq hiex qed jitkellem, Simba?

SKAR Ah.. mid-dehra ghadhom ma jafu xejn dwar is-sigriet tieghek. Issa c-cans tieghek Simba. Ghidilhom min kien il-htija tal-mewt ta' Mufasa.

SIMBA Iva... jiena kont il-htija tal-mewt ta' missieri.

SARABI Simba!!! Ghidli li mhux veru.

SIMBA Le Ma. Veru.

SKAR Qed taraw! Ghandna quddiemna QATTIEL.

SIMBA Kien biss incident.

SIMBA Li kieku ma kontx int, kieku Mufasa ghadu haj. Miet htija tierghek. Ichad jekk ghandek hila.

SIMBA Ma nichadx. Miet htija tieghi. Imma minix qattiel.

SKAR Ah Simba. Ergajt sibt ruhek f'periklu kbir u did-darba m'hawnx missierek biex jehilsek. U issa kulhadd jaf l-ghaliex mhuwiex hawn.

**SIMBA jdur imnikket u konfuz. SKAR jahtaf l-opportnita' biex jaqbez fuqu minn wara.**

SKAR Hawn issa inti taht idejja. Jiena qtiltu lil missierek u l-istess se naghmel lilek!

SIMBA Qattiel..! Qattiel...!

**SIMBA jirnexxili jizgiccalu u jixhtu tahtu.**

SIMBA Ghidilhom il-verita' kollha.

SKAR X'nghidilhom?

SIMBA Il-verita' kollha. *(Simba jaghfas ghonq Skar)*

SKAR *(minn taht l-ilsien)* Jien... jien qtiltu il Mufasa.

SIMBA Ghajjat. Jehtieg jisimghek kulhadd.

SKAR *(Bil-qawwa)* Jien qtiltu lil Mufasa.

**Il-jeni jattakkaw lil Simba, u Skar jahrab lejn 'Pride Rock'. Tibda l-glieda bejn l-iljunessi u l-jeni. Simba jsakkar li Skar taht 'Pride Rock'. Waqt il-glieda bejn l-iljunessi u l-jeni...**

SIMBA Qattiel. Ma jisthoqqlok l-ebda hniena.

SKAR Imma... imma... mhux tort tieghi... Il-Jeni... Il-Jeni jahtu. Huma harbtu kollox... huma l-ghedewwa tieghek u mux jien.

**Waqt dan il-kliem, it-tliet JENI narawhom iharsu min fuq 'Pride Rock' l-isfel u jisimghu kollox.**

SIMBA Se nipprova naghtik l-ahhar cans.

SKAR Ghidli... lest nahmel li trid... ghidli xi tridni naghmel

SIMBA Ahrab Skar. Ahrab u tigi lura qatt aktar. Mur!

**SKAR jibda' jitlaq izda kif idur isib lit-tliet JENI ma wiccu**

JENI 1 Smajt sew jien... xi hadd qal li kollox it-tort taghna?

JENA 2 U li ahna harbatna kollox?

JENA 3 U li ahna l-ghedewwa?

SKAR *(Waqt li jersqu iktar jeni...)* Le, le, ma fhimtunix sew... mhux hekk ridt nghid... le le...

**Jeni jattakkaw lil SKAR... dan jahrab jigri fil-kwinti, bil-jeni warajh. L-iljunessi u Nala jersqu u jduru madwar Simba. Huwa jhares lejn 'pride rock', u jitla' fuq il-quccata, akkumpanjat mill-muzika u l-ahhar versi ta' 'C*ircle of* Life'.**

---